*il-liġi li tirregola l-proċedura quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar tistipula li l-proċeduri għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi b'mod sommarju, u mhumiex meħtieġa motivazzjonijiet elaborati għad-deċiżjoni li tingħata*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 526/2018 LM

**Rudolph Borg Myatt (K.I. nru. 235065M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Gordon Grech (K.I. nru. 10890M)**
*('l- appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Gordon Grech (K.I. nru. 10890M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tat-22 ta' Frar, 2023, li permezz tagħha t-Tribunal laqa' t-talbiet tal-attur **Rudolph Borg Myatt**

**(K.I. nru. 235065M)** [hawnhekk 'l-appellat'], u ddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fl-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000), ordna lill-konvenut iħallas lill-attur dan l-ammont bl-imgħax mid-data tal-avviż sad-data tal-ħlas effettiv, ċaħad it-talba għad-danni mressqa mill-konvenut fil-kontro-talba tiegħu, u kkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal.

**Fatti**

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat quddiem it-Tribunal fit-8 ta' Novembru, 2018, l-attur spjega li l-konvenut huwa debitur tiegħu fl-ammont ta' €5,286.40, liema dejn kien qiegħed jiġi ridott għas-somma ta' €5,000 għall-finijiet ta' kompetenza tat-Tribunal. L-ammont pretiż mill-attur jirrappreżenta l-valur ta' servizzi professjonali reżi lill-konvenut fuq inkarigu tal-istess konvenut, kif jirriżulta mill-fatturi esebiti u datati l-1 ta' April, 2018 u t-2 ta' Mejju, 2018. L-attur qal li minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas dak minnu dovut, inkluż permezz ta' ittra legali tat-23 ta' Mejju, 2018 u ittra uffiċjali datata s-26 ta' Ġunju, 2018, il-konvenut baqa' inadempjenti, u għalhekk kellu jiftaħ l-proċeduri quddiem it-Tribunal. L-attur talab lit-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tiegħu fis-somma ta' €5,000, kif ukoll talab lit-Tribunal jordna lill-konvenut iħallsu l-imsemmija somma.

3. Min-naħa tiegħu l-konvenut wieġeb li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li l-ebda ħlas m'huwa dovut għaliex l-attur naqas milli

jespleta l-inkarigu mogħti lilu, għamel xogħol ħażin, u kkawża danni lill-konvenut.

4. Il-konvenut ressaq kontro-talba fejn spjega li huwa kien inkariga lill-attur sabiex jipprovdilu servizzi relatati ma’ kuntratti pubbliċi li kienu ġew assenjati lill-konvenut. Qal li l-attur mhux talli ma pprovdiex is-servizzi kif rikjest minnu, talli bl-aġir tiegħu kkawża danni lill-konvenut, u anki pprova jisraq klijenti tal-konvenut. Il-konvenut qal ukoll li minkejja li ġie interpellat jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni kkawżati minnu, l-attur baqa’ inadempjenti, u spjega li t-talba tiegħu qiegħda tiġi limitata somma ta’ €5,000 għall-finijiet tal-kompetenza tat-Tribunal. Fil-kontro-talba tiegħu, il-konvenut talab lit-Tribunal jiddikjara li huwa sofra danni konsegwenza tal-aġir u n-nuqqasijiet tal-attur fit-twettiq tal-inkarigu mogħti lilu mill-konvenut, jillikwida d-danni sofferti minnu okkorrendo permezz ta’ periti nominandi, u jikkundanna lill-attur iħallas id-danni hekk likwidati.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-22 ta’ Frar, 2023, it-Tribunal laqa’ t-talbiet tal-attur, ikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta’ €5,000, filwaqt li ċaħad it-talbiet kollha mressqa mill-konvenut fil-kontro-talba tiegħu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *“Din il-kawża hija dwar talba għal servizzi professjonali reżi lill-konvenut fuq inkarigu tiegħu stess skont il-fattura ippreżentata liema ammont kien qiegħed jiġi ridott għal €5,000 għall-finijiet tal-kompetenza tat-Tribunal. Il-konvenut min-naħa tiegħu qal illi t-talbiet tal-attur huma infondati u l-ebda ħlas ma hu dovut stante li l-attur ma espletax l-inkarigu iżda għamel xogħol ħażin u kkawża danni u għalhekk ippreżenta*

*kontro-talba fejn talab danni fl-ammont ta' €5,000. Ir-rikonvenzjonat min-naħa tiegħu wieġeb billi qal li t-talbiet huma infondati u ma kkawża ebda danni u aderixxa bis-sħiħ mal-obbligi li kien hemm bejnu u r-rikonvenzjonant. Jidher illi l-konvenut kien ingħata kuntratt sabiex jieħu ħsieb is-servizzi elettriċi u tal-informatika f'Casa Gaspe u Arkivji Notarili li t-tnejn li huma kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Kultura u Gvern Lokali. Peress illi l-attur kien inġinier il-konvenut kien ftiehem miegħu sabiex jieħu ħsieb ix-xogħol li kellu x'jaqsam mal-elettriku u ACs, filwaqt illi hu kien ser jieħu ħsieb ix-xogħol tal-informatika. Il-konvenut kellu ftehim mal-ministeru li jitħallas €33 fis-siegħa u l-partijiet ftehmu li kien ser jgħaddi €28 fis-siegħa lill-Inġinier. Il-problemi bdew f'Mejju 2018 meta l-Inġinier beda jinsisti li kellu jitħallas tal-fattura ta' Frar u Marzu 2018 qabel ma jkompli bix-xogħol, fejn kien hemm ukoll is-sigħat ta' Marzu u April li riedu jitħallsu ukoll u talab sabiex il-ftehim ta' bejniethom jiġi regolarizzat f'kuntratt. Iżda l-inġinier baqa' ma tħallasx u fil-fatt informa lill-konvenut permezz ta' email li waqaf jagħti servizz lill-konvenut. Wara li r-relazzjoni kienet intemmet, il-Perit li kien qiegħed jieħu ħsieb il-proġett tal-Arkivji Notarili kien avviċina lill-attur u talbu jagħti stima biex l-attur jagħti s-servizz direttament lill-Gvern u din l-istima ġiet aċċettata u s-servizz beda jingħata direttament. L-Inġinier li tqabbad mill-konvenut minflok l-Inġinier Borg Myatt qal illi ma kienx hemm* handover *u ħa deċiżjoni li ma jużax id-disinji ta' Borg Myatt u l-BOQs tiegħu bi qbil mal-konvenut u għamel kollox mill-ġdid. Il-konvenut ħallas parti mill-kont f'Mejju 2018 u bagħat email lill-attur jgħidlu li setgħu jkomplu* business as usual*. Il-konvenut jgħid illi hu kien sofra d-danni, fl-ewwel lok talli ħallas lil Borg Myatt għal diversi sigħat meta x-xogħol ma kienx sar sew għax l-Inġinier Baldacchino kellu jerġa' jagħmel ix-xogħol u peress illi daħal f'kuntratt dirett u minħabba f'hekk tellef lill-konvenut mill-kuntratt.*

*It-Tribunal ra d-dokumenti u ra dak li ntqal minn kull persuna li xehed. Ra li ma kienx hemm kontestazzjoni li fil-fatt dawn is-sigħat li tagħhom kien qiegħed jitlob ħlas l-attur fil-fatt kienu dovuti għax fil-fatt il-konvenut kien lest li jkompli juża s-servizzi tiegħu bħala Inġinier. Għar-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut ma ġiex ipprovat sal-grad mistenni li bħala fatt l-attur naqas milli joffri s-servizz kif rikjest u lanqas illi seraq klijent tal-konvenut għax kif xehed il-Perit tal-Arkivji Notarili kienu proprju huma li avviċinaw lill-Inġinier biex jagħtihom stima u biex jaħdmu miegħu direttament u ma kien hemm ebda kuntratt li ġie miksur.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u jiddikjara l-konvenut debitur tal-attur fl-ammont ta' €5,000 u jordna lill-istess konvenut iħallas l-ammont ta' €5,000 lill-attur bl-interessi mid-data tal-avviż sal-ħlas effettiv. Jiċħad it-talba għad-danni fil-kontro-talba. L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri huma a spejjeż tal-konvenut/rikonvenzjonant.*

**L-Appell**

6. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mis-sentenza appellata fit-13 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-22 ta' Frar, 2023, u tiddeċiedi l-appell billi tilqa' l-eċċezzjonijiet imqajma mill-appellant, tiċħad l-eċċezzjonijiet imqajma mill-appellat għall-kontro-talba tal-appellant, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-appellant u minflok tilqa' l-kontro-talba tal-appellat.

7. L-appellant spjega li l-appellat kien qiegħed jipprestalu servizzi professjonali rigward diversi proġetti pubbliċi, u l-appellat kiser l-obbligi fiduċjarji tiegħu. L-appellant qal li l-appellat kien qiegħed jagħti servizz lil klijent partikolari tal-appellat, meta l-appellat ittermina l-kuntratt li kellu mal-appellant, u l-appellat ġie ingaġġat b'mod dirett minn dan il-klijent sabiex jagħmel l-istess xogħol li l-appellant kien qiegħed jagħmel bl-inkarigu li kien ingħata mill-appellat. L-appellant qal li huwa bagħat ittra uffiċjali bin-numru 1879/18 lill-appellat datata is-16 ta' Lulju, 2018, fejn qiegħdu in *dolo, mora* u *colpa* għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, u interpellah sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-appellant minħabba f'dan l-aġir. Qal li permezz tal-istess ittra uffiċjali, huwa iddifida lill-appellat milli jipproċedi ulterjorment abbażi tal-pretensjonijiet vantati minnu, u ftit wara l-appellat fetaħ proċeduri kontra tiegħu u kiseb sentenza favur tiegħu mit-Tribunal.

8. Permezz tat-tliet aggravji tiegħu, l-appellant jgħid li it-Tribunal (a) iddeċieda li jiskarta l-provi mressqa minnu fir-rigward tal-eċċezzjonijiet tiegħu u fir-rigward tal-kontro-talba tiegħu; (b) ma daħalx fil-fatt li l-attur ma wettaqx ix-

xogħol skont kif mitlub minnu u fit-termini stipulati bejn il-partijiet; u (ċ) naqas milli jidħol fil-provi rigward is-servizzi li ngħata l-appellat mill-appellant.

9. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li meta wieħed jikkonsidra li dan il-każ ilu li nbeda mill-2018, b'għadd sostanzjali ta' xhieda u dokumenti li ġew esebiti, huwa inaċċettabbli li t-Tribunal kull m'għamel kienu konsiderazzjonijiet ta' inqas minn paġna waħda sabiex jiddeċiedi l-każ li jikkonsisti f'talba u kontro-talba, u naqas milli jagħti spjegazzjoni dwar kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-provi in atti. Qal li huwa ġab provi indiskutibbli fir-rigward tal-eċċezzjonijiet imqajma minnu, jiġifieri li l-appellat m'għamilx xogħlu kif suppost. Qal ukoll li l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-provi mressqa minnu fir-rigward tal-kontro-talba tiegħu, jiġifieri li l-appellat ikkaġunalu danni minħabba l-aġir tiegħu, u saħansitra pprova jisraq xogħol li kien ingaġġat jagħmel għall-appellant. L-appellant qal li dan l-aggravju partikolari jorbot mal-bqija tal-aggravji mresqa minnu, li kellhom iwasslu lit-Tribunal għal konklużjoni ferm differenti minn dik li wasal għaliha.

10. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal ma daħalx fil-mertu ta' jekk l-appellat wettaqx ix-xogħol skont kif mitlub minnu u entro t-terminu stipulat bejn il-partijiet, u spjega li dan l-aggravju japplika kemm għat-talba tal-appellat kif ukoll għall-kontro-talba mressqa minnu fir-rigward tad-danni kkaġunati lilu, peress li huwa kellu jingaġġa u jħallas inġinier ieħor minn butu biex jagħmel ix-xogħol li suppost kellu jagħmel l-appellat. Qal li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-provi mressqa minnu biex juri li dawn is-servizzi ma kinux tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet, b'referenza għal żewġ *invoices* dwar xogħlijiet li allegatament saru f'Marzu u April tal-2018 f'Casa Gaspe u fl-Arkivji Notarili.

Qal li waqt it-trattazzjoni tal-kawża, ħareġ ċar li l-appellat dejjem tħallas mill-appellant għas-servizzi li kien jipprestalu, u ħareġ ċar ukoll li fir-rigward tax-xogħlijiet li jirreferu għalihom l-*invoices,* l-appellat dam ħafna biex lestihom u żamm lill-klijenti tal-appellant jistennew ferm aktar milli kien miftiehem.

11. L-appellant hawnhekk irrefera għax-xhieda ta' Etienne Mercieca, Kap tas-Segretarjat tal-Gvern Lokali u Komunitajiet, li huwa rappreżentant tal-klijent tal-appellant, u li kemm-il darba qal li kienu qegħdin jiġru wara l-appellat biex ilesti x-xogħlijiet, u qal li ħafna drabi kien jikkomunika hu mal-appellat sabiex dan ilesti x-xogħol, għaliex ix-xogħol li kellu jagħmel l-appellat kien jifforma parti minn sensiela akbar ta' xogħlijiet li kellhom isiru, u kienu jistrieħu fuq ix-xogħol tiegħu. L-appellant għamel wkoll riferiment għax-xhieda tal-Perit Claude Borg, li qal li kien involut fix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fid-dipartiment tal-gvern, u fix-xhieda tiegħu qal li l-appellat ma kienx qiegħed iżomm mat-termini miftiehma. Qal li dan kien issekondat mix-xhieda tiegħu stess, fejn qal li x-xogħlijiet li kienu jistrieħu fuq ix-xogħol tal-appellat, jiġifieri fuq id-*drawings* tiegħu, ma setgħux jinbdew għaliex id-*drawings* ma kinux kompluti. L-appellant xehed ukoll kif ix-xogħol kollu kellu jerġa' jinbeda mill-ġdid għaliex il-klijenti tal-appellant ma kinux sodisfatti bix-xogħol li kien wettaq l-appellat, u l-BOQs u d-*drawings* kellhom jerġgħu jsiru mill-ġdid. Qal li dan wasslu biex jingaġġa inġinier ġdid, u dan l-ingaġġ wassal għal problemi finanzjarji li jiffurmaw il-mertu tal-kontro-talba tiegħu, u li t-Tribunal għażel li jinjora għal kollox. L-appellant qal li huwa xehed li kien hu li għamel tajjeb għal dawn l-ispejjeż li inkorra s-Sur Baldacchino sabiex għamel ix-xogħlijiet li suppost saru minn Borg Myatt. Qal li t-Tribunal skarta wkoll ix-xhieda ta' Jonathan Tabone, ħaddiem ieħor li kellu bżonn ix-xogħol tal-appellat biex ikun jista' jaħdem, u li xehed li kien imxekkel

f'xogħlu għaliex ma kellux *drawings.* L-appellant qal li l-appellat dejjem tħallas għal xogħol li għamel sew, imma dan ma kienx il-każ fir-rigward ta' xogħol li ma sarx u li kellu jerġa' jsir mill-bidu. Qal ukoll li huwa kellu jinkorri spejjeż ulterjuri, li jiffurmaw il-mertu tal-kontro-talba tiegħu, sabiex iħallas lill-Inġinier Paul Baldacchino tax-xogħlijiet li għamel u li suppost kien ingaġġat biex jagħmel l-appellat. Qal li t-Tribunal ma għamel l-ebda evalwazzjoni tal-provi mressqa miż-żewġ naħat sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu, u ma jistax jingħad li l-appellat ġab provi biex jirribatti għal dawn ix-xhieda kollha.

12. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li t-Tribunal naqas ukoll milli jevalwa l-provi li għandhom x'jaqsmu mat-talba tal-appellant kif dedotta fil-kontro-talba tiegħu, jiġifieri li l-appellat ipprova jieħu għalih il-klijent tal-appellant. L-appellant qal li l-partijiet kienu ftiehmu li l-appellat kellu jagħmel użu minn indirizz tal-*email* li ngħata lilu mill-appellant sabiex dan tal-aħħar ikollu *record* tal-korrispondenza kollha fir-rigward tax-xogħlijiet assenjati lilu, u konsegwentement kien qiegħed jerfa' r-responsabbilità tagħhom hu, minkejja li l-appellat kien ingaġġat bħala sub-appaltatur. Qal li l-appellat ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal dan, u meta r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet għadha tajba, l-appellat kien qiegħed juża l-indirizz bid-*domain* tal-appellant. L-appellant qal li meta r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tmur għall-agħar, l-appellat anki beda juri x'kienu l-intenzjonijiet tiegħu, tant hu hekk li kien għarraf lill-appellant li ma riedx jibqa' juża l-*email address* li kien ingħatalu mill-appellant, għaliex ma riedx jagħti l-impressjoni lill-klijenti tal-appellant li huwa kien impjegat tal-appellant. L-appellant qal li l-appellat, *in mala fede,* għażel li jieqaf iwieġeb lill-klijent u waqaf ukoll milli jkompli jaħdem bħala sub-appaltatur tal-appellant, għaliex ma kienx tħallas ta' xogħol li ma kienx għamel ġewwa Casa Gaspe, u b'hekk ikkawża

pressjoni kbira fuq il-klijent. L-appellant qal li kien hemm diversi drabi fejn l-appellat kien jibgħat *emails* mill-indirizz personali tiegħu lill-klijenti tal-appellant, mingħajr ma jikkopja lill-appellant. L-appellant għamel riferiment għal istanza fejn l-appellat aċċetta l-offerta tal-klijent tramite l-Perit Norbert Gatt, ħa f'idejh proġett waħdu, u dan mingħajr ma kkonsulta mal-appellant li kien ingaġġah sabiex jagħmlu l-proġett tal-Arkivji Notarili flimkien, u mingħajr ma inkluda lill-appellant fl-*emails.* L-appellant qal li għalkemm huwa llimita t-talba tiegħu għall-kompetenza tat-Tribunal, l-ammont li kkwota l-appellat għax-xogħol li kellu jsir fl-Arkivji Notarili, jiġifieri €10,000, jeċċedi l-kompetenza tat-Tribunal u dan għal xogħol li suppost li kien ser jitħallas għalih l-appellant skont il-ftehim bejn il-partijiet. L-appellant qal li l-Perit Norbert Gatt ma riedx li jkompli x-xogħol l-appellat mhux għaliex ma kienx sodisfatt b'xogħlu, iżda sempliċement għaliex ix-xogħlijiet tant waqgħu lura minħabba l-aġir *in mala fede* tal-appellat, li ma kellux ħin biex iqabbad inġinier ieħor u jispjegalu x'kien meħtieġ li jsir fuq dan il-proġett.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. L-appellat wieġeb li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma. Qal li l-vertenza odjerna hija dwar l-ammont pretiż ta' €5,000 għal servizzi ta' inġinerija reżi mill-appellat fuq inkarigu tal-appellant fix-xhur ta' Marzu u April 2018, liema ammont pretiż jirriżulta mill-fatturi esebiti in atti. L-appellant wieġeb għal din it-talba tiegħu billi qal li l-appellat ma kienx espleta l-inkarigu mogħti lilu u addirittura wettaq xogħol ħażin u kkawża danni lill-appellant, u għalhekk għamel kontro-talba f'dan is-sens. L-appellat qal li huwa wieġeb għall-kontro-talba tal-appellant billi qal li huwa dejjem aderixxa

mal-obbligi kuntrattwali tiegħu fil-konfront tal-appellant, billi pprovda servizzi professjonali skont il-grad ta' diliġenza rikjest mil-liġi; u huwa la kkawża danni u lanqas ipprova jisraq klijenti tal-appellant. Qal li s-servizzi mertu tal-proċeduri odjerni jikkonċernaw żewġ proġetti ta' restawr li saru f'binjiet storiċi, l-Arkivji Notarili u Casa Gaspe, it-tnejn fil-Belt Valletta. Qal li x-xogħol meħtieġ kien wieħed metikoluż u ta' natura partikolari, sabiex jiġu ppreservati l-karatteristiċi storiċi tal-imsemmija binjiet u kif ukoll għaliex il-binjiet in kwistjoni kienu għadhom jintużaw filwaqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. L-appellat qal li l-appellant jippresta servizzi tat-teknoloġija tal-informatika, u ingħata xogħol f'dawn il-binjiet permezz ta' *direct order* mill-Ministeru tal-Kultura. Żied jgħid li l-appellant kien jiġi assenjat xogħol permezz ta' *bundles* ta' sigħat akkordati lilu u li għalihom huwa kien jitħallas €35 fis-siegħa. L-appellat qal li meta l-appellant ġie mitlub jesebixxi l-kuntratt relattiv li kien qal li għandu, dan xehed li fil-fatt dan id-dokument ma jeżistix u li x-xogħol kien ikkuntrattat permezz ta' korrispondenza elettronika. Qal ukoll li l-ftehim bejn l-appellant u l-appellat ġie konkluż verbalment fis-sajf tal-2017, u l-appellat kien jagħti servizzi ta' inġinerija lill-appellant in konnessjoni mal-imsemmija proġetti bir-rata ta' €28 fis-siegħa. Żied jgħid li r-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet ġiet itterminata fit-2 ta' Mejju, 2018 għaliex l-appellant kien moruż fil-ħlasijiet dovuti lill-appellat għal perijodu ta' xahrejn, u din iċ-ċirkostanza kienet ilha tirrepeti ruħha mix-xhur preċedenti. L-appellat qal li huwa kien talab darbtejn sabiex il-ftehim bejn il-partijiet jiġi rregolarizzat permezz ta' skrittura appożita, iżda li l-appellant qatt ma resaq għal dan il-ftehim. L-appellat qal li fl-14 ta' April, 2018, huwa kien informa lill-appellant li jekk sal-aħħar ta' April 2018 ma kien ser iħallas dak kollu dovut lilu, u jekk ma kienitx ser issir skrittura bejn il-partijiet li tirregola bil-

miktub ir-relazzjoni professjonali ta' bejniethom, huwa kien ser jieqaf milli jippresta s-servizzi professjonali tiegħu. Qal ukoll li huwa kien ġibed l-attenzjoni tal-appellant għall-fatt li kienu nqalgħu problemi varji fil-kors tax-xogħlijiet bħala konsegwenza diretta tan-nuqqas ta' professjonaliżmu min-naħa tiegħu, fosthom li ma kienx iwieġeb għat-telefonati, u kien iżomm laqgħat mal-partijiet interessati waħdu u jintrabat b'termini li fil-prattika ma setgħux jiġu attwati.

14. L-appellat qal li fis-26 t'April, 2018 l-appellant kien ħallsu l-ammont ta' €1,817.20, għas-servizzi reżi matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2018, filwaqt li l-pagamenti għax-xhur ta' Marzu u April 2018 baqgħu ma sarux. Qal li fit-30 t'April, 2018 huwa kien informa lill-appellant li kien ser jissospendi s-servizz min-naħa tiegħu, filwaqt li fit-2 ta' Mejju, 2018 l-appellant kien bagħat jinfurmah li "*I am assuming that we are business as usual.*" Qal li l-ħlas għax-xhur ta' Marzu u April 2018 baqa' qatt ma sar, u fit-23 ta' Mejju, 2018 huwa kien bagħat ittra legali lill-appellant, li baqa' ma bagħatx risposta għaliha, u sussegwentement fis-26 ta' Ġunju, 2018huwa bagħat ittra uffiċjali qabel inbdew il-proċeduri li wasslu għal dan l-appell.

15. L-appellat qal li l-kronoloġija tal-fatti hija rilevanti ferm għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u dan għaliex il-kredibbilità tal-partijiet hija riflessa fl-aġir tagħhom tul il-perijodu in kontestazzjoni. Qal li sal-ġurnata meta huwa beda l-proċeduri legali sabiex jitħallas dak li ġustament huwa dovut lilu għas-servizzi reżi minnu, l-affarijiet għall-appellant kienu "*business as usual*". Qal li dan ixejjen għal kollox it-teżi tal-appellant li huwa ma kienx qiegħed irrendi servizzi skont il-grad ta' diliġenza meħtieġa, u jikkonferma li l-pretensjonijiet tal-appellant f'dawn il-proċeduri huma intiżi biss sabiex huwa jittenta

abbużivament u illegalment jaħrab mill-obbligi kuntrattwali tiegħu fil-konfront tal-appellat.

16. L-appellat qal li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa infondat u mhux ġustifikat, u dan għaliex minn qari tas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar, 2023, għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel evalwazzjoni komprensiva tal-fatti u taċ-ċirkostanzi kollha li sawru l-vertenza odjerna bejn il-partijiet, inkuż ix-xhieda mogħtija fil-kors tal-proċeduri quddiemu. L-appellat qal li l-artikolu 9(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-proċedura applikabbli għat-Tribunal, jistipula li azzjonijiet ta' din in-natura għandhom, safejn huwa possibbli, jinstemgħu u jinqatgħu sommarjament. Qal li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li s-sentenza appellata tikkonforma ma' dan l-artikolu tal-liġi. B'riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-appellat qal li huwa rikonoxxut li l-motivazzjoni f'sentenza mhux neċessarjament tkun waħda elaborata u tista' tkun waħda skematika, u mhuwiex meħtieġ li Qorti tagħmel riferiment għal kull prova li tkun tressqet mill-partijiet. Żied jgħid li s-sentenza tat-22 ta' Frar, 2023 tikkonforma ma' dawn il-prinċipji. Qal li l-konsiderazzjonijiet mogħtija fis-sentenza appellata huma raġonati, u filwaqt li ma tressqet l-ebda kontestazzjoni valida dwar l-ammont pretiż mill-appellat, għaliex il-konvenut kien dispost li jibqa' juża s-servizzi tiegħu bħala inġinier, it-Tribunal ikkonkluda wkoll li l-appellant ma ppruvax sal-grad mistenni l-pretensjonijiet tiegħu.

17. L-appellat qal li t-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant huma msejsa fuq l-apprezzament li għamel it-Tribunal tal-provi miġjuba għall-konsiderazzjoni tiegħu mill-partijiet. Żied jgħid li din il-Qorti tal-Appell, bħala Qorti ta' reviżjoni, m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni li tkun intużat mill-ewwel Qorti, ħlief

meta din tkun manifestement eżerċitata ħażin, jew għal xi motiv gravi ieħor. L-appellat qal li mhux minnu li t-Tribunal naqas li jikkonsidra l-allegazzjoni li saret li l-appellat ma wettaqx ix-xogħlijiet mitluba minnu fit-terminu stipulat. Qal li t-Tribunal ikkonsidra l-provi u kkonkluda li l-appellant naqas li jipprova l-eċċezzjoni mressqa minnu f'dan ir-rigward, kif ukoll il-kontro-talba mressqa minnu. Qal li mhux minnu li huwa b'xi mod naqas li jwettaq ix-xogħlijiet b'mod professjonali u bid-diliġenza meħtieġa skont il-liġi, u wara li l-appellant ħallsu parti mill-kont sabiex isikktu u jiddiswadieh milli jkompli jitlob ħlas għas-servizzi kollha reżi minnu, kien l-appellant stess li sostna li in vista ta' tali pagamenti, kollox kien ser ikompli *"business as usual."* L-appellat qal ukoll li l-appellant huwa skorrett meta jgħid li l-appellat dejjem tħallas għas-servizzi pprestati minnu, għaliex huwa paċifiku li dawn il-pagamenti baqgħu ma sarux, u l-ħlasijiet dovuti lilu kienu jsiru wara ħafna dewmien u interpellazzjonijiet għall-ħlas. Qal ukoll li mhux minnu dak li sostna l-appellant li l-appellat dam biex lesta x-xogħol li kien ikkuntrattat iwettaq. L-appellat qal li x-xogħol beda fis-sajf tal-2017, u f'Settembru jew Novembru tal-istess sena, huwa kien diġà lesta d-*drawings* u l-*bill of quantities* li kien inkarigat ilesti. Qal li t-teżi tal-appellant f'dan ir-rigward mhijiex kredibbli, tant hu hekk li fil-bidu tas-sena 2018 huwa intalab jirrediġi l-*contractors drawings* abbażi tax-xogħol li kien twettaq minnu kif kien miftiehem. Qal ukoll li l-appellant mhuwiex ikun leali max-xhud il-Perit Claude Borg, meta jgħid li kien dan il-perit li kkonferma li l-appellat ma żammx mat-termini miftiehma. L-appellat qal li dan ix-xhud ikkonferma li huwa kien involut fil-proġett bħala *restoration director,* u li l-appellat kien qiegħed jaħdem miegħu fuq din il-binja. Qal li dan ix-xhud iddikjara wkoll li ma kienx hemm problemi fil-kors tax-xogħlijiet, u li ma jistax jingħad li kulħadd dejjem iħares it-termini

miftiehma. Qal li din hija ċirkostanza normali li tirrifletti dak li jiġri fi proġetti ta' dan it-tip, u x-xhud bl-ebda mod ma sostna li din kienet riflessjoni negattiva fuq il-mod kif kien qiegħed iwettaq l-inkarigu tiegħu l-appellat.

18. L-appellat qal li mill-kopja tal-korrispondenza elettronika tal-5 ta' Marzu, 2018 esebita in atti, l-imsemmi xhud il-Perit Claude Borg saħansitra rringrazzjah tax-xogħol tajjeb li kien qiegħed jagħmel. L-appellat qal li l-Inġinier Paul Baldacchino ġie inkarigat mill-appellant wara li kien temm l-inkarigu tiegħu l-appellat, u d-deċiżjoni li jsiru *drawings* u *bill of quantities* mill-ġdid, kienet waħda li ttieħdet mill-appellant u l-Ministeru klijent tiegħu. L-appellat qal li fix-xhieda tiegħu, l-Inġinier Baldacchino qal li qatt ma ngħata *handover* tax-xogħol li kien twettaq mill-appellat, u x-xogħol kien sar kollu mill-ġdid. L-appellat qal li huwa kien offra li ssir *handover*, imma l-Inġinier Baldacchino jew ma ġiex infurmat b'dan jew inkella għażel li jinjoraha. Qal li x-xogħlijiet inbdew u twettqu mingħajr ma ġiet ipprovduta *release letter* meħtieġa *ai termini* tal-kodiċi tal-etika li jirregola l-professjoni tal-inġinerija.

19. L-appellat kompla jgħid li filwaqt li kienet għażla tal-appellant li jiskarta x-xogħol kollu li kien sar sal-ġurnata meta ġiet itterminata r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, ma jirriżultax li x-xogħol kellu jsir mill-ġdid għaliex ma kienx sar b'mod xieraq. L-appellat qal li l-appellant qiegħed biss iġib skuża sabiex jevadi l-obbligi tiegħu. L-appellat qal li għalhekk l-appellant ma sofra l-ebda danni.

20. L-appellat qal li mill-provi jirriżulta li l-Inġinier Baldacchino ġie inkarigat abbażi ta' arranġament identiku għal dak li kien hemm miegħu, jiġifieri li l-appellant jitħallas għal *bundles* ta' sigħat, filwaqt li kellu jgħaddi parti minn dan

il-ħlas lis-sub-kuntrattur tiegħu. Qal li għalhekk l-appellant ma seta' sofra l-ebda dannu in kwantu huwa baqa' dejjem jitħallas mill-Ministeru għas-sigħat maħduma, u dan ma għamel l-ebda pagament minn butu rigward ix-xogħol addizzjonali li kien sar fuq il-proġett.

21. B'riferiment għat-tielet aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat qal li mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal jirriżulta li anki dan kien manifestament infondat. Spjega li mhux minnu li huwa kien irrifjuta li jkompli jagħmel użu mill-*email address* li pprovdielu l-appellant, u huwa kien esprima l-oġġezzjoni tiegħu għaliex in linea mar-regoli li japplikaw għall-professjoni tal-inġinerija, huwa ma kienx qiegħed iwettaq l-inkarigu tiegħu bħala impjegat tal-appellant, iżda bħala professjonist indipendenti li ġie kkuntrattat biex iwettaq xogħol partikolari kif miftiehem. L-appellat qal li anki mill-kopja tal-korrispondenza esebita in atti, għandu jirriżulta li l-appellant kien ikkupjat dejjem fil-korrispondenza kollha relattiva għall-proġett, u din l-asserzjoni li l-appellat kien juża l-*email address* privat tiegħu jew li kien jonqos li jikkupjah fil-korrispondenza, hija għal kollox skuża fiergħa.

22. L-appellat qal ukoll li huwa qatt ma waqaf *in mala fede* jirrispondi lill-klijenti u/jew lill-partijiet ikkonċernati fil-proġetti relattivi, kif jikkontendi l-appellant, iżda kien waqaf biss meta ġiet itterminata r-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, għaliex l-appellant ma kienx ħallsu tas-servizzi reżi lilu bi ksur tal-ftehim viġenti bejn il-partijiet. L-appellat qal li l-korrispondenza li għaddiet bejnu u l-Perit Norbert Gatt fis-7 ta' Mejju, 2018, kienet seħħet wara li ġiet itterminata r-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, u ma kien hemm l-ebda aġir ċensurabbli da parti tal-appellat fir-rigward tal-inkarigu fdat lilu rigward it-

tkomplija tax-xogħlijiet ta' restawr fuq l-Arkivji Notarili. Qal li kien biss wara li huwa ġustament ittermina r-relazzjoni mal-appellant, li kien ġie avviċinat mid-Direttorat tar-Restawr sabiex jipprovdi servizzi ta' inġinerija direttament lill-istess Direttorat, u huwa aċċetta wara li l-offerta saritlu bil-miktub, kif għandu jirriżulta mill-korrispondenza esebita. Qal li ma kien hemm l-ebda *mala fede* jew xi aġir irregolari min-naħa tiegħu. L-appellat qal ukoll li minn imkien ma jirriżulta li din l-offerta saritlu għaliex ma kienx possibbli li jiġi ingaġġat inġinier ieħor, u qal li l-Perit Gatt xehed li din l-offerta saret *"for the benefit għall-uffiċċju tal-proġett".* Qal li dan ifisser li mhux minnu li huwa ma eżerċitax il-grad ta' diliġenza mistenni fl-inkarigu li ngħata. Qal li t-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li kienu l-Arkivji Notarili li avviċinaw lill-appellat biex jagħti stima u biex jaħdmu direttament miegħu, u ma kien hemm l-ebda kuntratt li nkiser.

22. L-appellat temm ir-risposta tiegħu billi qal li din il-Qorti għandha tasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata, in kwantu jirriżulta li t-teżi tal-appellant, kif sostanzjata bix-xhieda u l-provi prodotti, hija l-aktar waħda kredibbli, konsistenti u verosimili. Qal li ċertament li ma jirriżultax li hemm raġunijiet li għandhom jiġġustifikaw it-tħassir u/jew ir-riforma tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal kif qiegħed jitlob l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

23. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tar-risposta magħmula mill-appellat.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal skarta xi provi u m'hemm l-ebda motivazzjoni għas-sentenza]*

24. L-appellant spjega li l-proċeduri quddiem it-Tribunal inbdew fl-2018, u damu għaddejjin diversi snin, imma madanakollu l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal jammontaw għal anqas minn paġna waħda. Qal li l-provi miġjuba minnu in sostenn tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-talba tiegħu ġew injorati mit-Tribunal, li naqas milli jikkonsidra li l-appellat ikkaġunalu danni u pprova jeħodlu xi klijenti wara li ingaġġah biex jagħmel xogħol fuq diversi proġetti.

25. Mill-atti jirriżulta li t-Tribunal wasal għas-sentenza tiegħu wara li għamel sinteżi tal-provi miġjuba quddiemu, ta' dak li kellu xi jgħid kull xhud li ta d-depożizzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri, u ta' dak li rriżulta mill-provi dokumentarji miġjuba. Huwa minnu li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal jammontaw għal ftit paragrafi, iżda b'daqshekk ma jfissirx li kien hemm xi provi li ġew skartati jew saħansitra njorati kompletament mit-Tribunal, għaliex is-sinteżi li għamel hija waħda dettaljata u tislet mill-provi miġjuba dak li huwa rilevanti. Il-fatt li t-Tribunal ta deċiżjoni li tiffavorixxi lill-appellat u li ċaħdet l-eċċezzjonijiet u t-talbiet li ressaq l-appellant fil-kontro-talba tiegħu, ċertament li ma seħħx għaliex it-Tribunal injora xi prova jew dak li kellu xi jgħid xi xhud partikolari, iżda għaliex wara li evalwa l-provi u x-xhieda, wasal għall-konklużjoni li t-talba tal-appellat ġiet ippruvata, filwaqt li dak sottomess mill-appellant fil-kontro-talba tiegħu ma ġiex ippruvat. Din il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni, billi jirriżulta li ġie ippruvat l-ħlas pretiż mill-appellat għax-xogħol li wettaq f'April u Mejju tal-2018 u li għalih baqa' ma tħallasx. Imma mhux daqstant ċar għal liema raġuni l-appellant bil-kontro-talba tiegħu qiegħed jippretendi ħlas li

kumbinazzjoni huwa ekwivalenti għall-ħlas pretiż mill-appellat. Il-Qorti tqis li l-appellant ma rnexxilux jipprova b'liema mod jew f'liema waqt l-appellat kien negliġenti f'xogħlu, jew f'liema waqt l-appellat 'seraq' klijenti tal-appellant, tant hu hekk li sa dakinhar li r-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet ġiet fi tmiemha, l-appellant ippretenda li r-relazzjoni bejn il-partijiet tkompli bl-istess mod kif kienet qabel, u uża l-espressjoni "*business as usual*" biex jiddeskrivi l-andament futur ta' din ir-relazzjoni. Dan wara li l-appellat għamilha ċara li ma kienx dispost li jibqa' jaħdem bl-istess kundizzjonijiet u bl-impożizzjonijiet li kienu qegħdin isirulu mill-appellant. Fi kwalunkwe każ il-Qorti hija tal-fehma li mhux minnu li t-Tribunal kien skars fl-ispjega tiegħu u fil-motivazzjonijiet li ta għad-deċiżjoni li wasal għaliha, tant hu hekk li t-Tribunal irrimarka dwar in-nuqqas ta' provi miġjuba mill-appellant biex jipprova l-eċċezzjonijiet u/jew il-kontro-talba tiegħu. Il-liġi li tirregola l-proċedura quddiem it-Tribunal tistipula li l-proċeduri għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi b'mod sommarju, u li mhumiex meħtieġa motivazzjonijiet elaborati għad-deċiżjoni li tingħata. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tinsab sodisfatta li t-Tribunal qies il-provi u l-atti kollha li kellu quddiemu qabel wasal għas-sentenza tiegħu. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal injora l-fatt li l-appellat m'għamilx ix-xogħol mitlub u ma mexiex mat-termini stipulati bejn il-partijiet]*

26. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal injora għal kollox il-pożizzjoni meħuda minnu, jiġifieri li l-appellat m'għamilx xogħlu kif mitlub, u naqas milli jimxi mat-termini stipulati bejn il-partijiet. Spjega li huwa kellu jingaġġa u jħallas

inġinier ieħor biex jagħmel ix-xogħol li naqas li jagħmel l-appellat, u fil-proċess hemm provi li juru li x-xogħol li għamel l-appellat ma kienx tal-kwalità pattwita. Qal ukoll li l-appellat dejjem tħallas għax-xogħol tiegħu, għajr f'dawk l-istanzi fejn dan ma pprestax is-servizzi skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, u fl-aħħar mill-aħħar huwa kellu jingaġġa inġinier ieħor bi spejjeż għalih sabiex ilesti x-xogħol li ma kienx tlesta mill-appellat.

27. Il-Qorti kkunsidrat ix-xhieda tal-persuni li għamel riferiment għalihom l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u provi oħra li jinsabu in atti. Tibda billi tirrileva li sa dakinhar stess li ġiet fi tmiemha r-relazzjoni li kellhom bejniethom il-partijiet, l-appellant kien bagħat jinforma lill-appellat li r-relazzjoni bejniethom setgħet tkompli, tant hu hekk li uża l-frażi *"business as usual",* frażi li tindika li l-appellant kien sodisfatt kemm bil-kwalità kif ukoll bil-volum tas-servizzi li kien qiegħed jippresta l-appellat. Imma l-appellant mhuwiex ikun kompletament veritier meta jgħid li l-appellat dejjem tħallas tax-xogħol li għamel tajjeb, għaliex fil-fatt il-proċeduri odjerni nbdew għaliex l-appellant baqa' moruż fil-ħlas dovut lill-appellat. L-appellant ma laqgħax għall-interpellazzjonijiet għall-ħlas li sarulu mill-appellat billi qal li x-xogħol ma kienx tal-kwalità pattwita. B'riferiment għax-xhieda tal-Perit Claude Borg li jsemmi l-appellant in sostenn ta' dan l-aggravju tiegħu, il-Qorti tirrileva li dan irringrazzja lill-appellat tax-xogħol siewi tiegħu fl-*email* tal-5 ta' Marzu, 2018, fejn qallu "*Dear Rudolph, Thank you for all the good work"*.

28. L-appellat fix-xhieda tiegħu spjega li huwa beda jingħata *time-frames* impossibbli sa meta kellu jlesti x-xogħlijiet, u mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta li huwa ġibed l-attenzjoni tal-appellant dwar l-arranġamenti li kien

qiegħed jilħaq mal-klijenti, fejn diversi drabi infurmah li t-termini ta' żmien li kien qiegħed jiftiehem dwarhom kienu impossibbli. L-Inġinier Paul Baldacchino li jissemma mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, xehed li kien hemm differenzi bejn il-*bill of quantities* u d-*drawings* attwali, u qal li kien hemm xi xogħol li sar minnu mill-ġdid. L-appellat wieġeb għal dan billi qal li wara li huwa lesta d-*drawings,* li l-appellant iddeskriva bħala "*perfect*", huwa kien ġie infurmat li ħarġu *direct orders* lil erba' kuntratturi, u li huwa kellu jikkoordina magħhom. Kien minħabba f'hekk li xi xogħol kellu jsir mill-ġdid. Il-Qorti tqis li fi kwalunke każ ma ġiex ippruvat li kien hemm xi xogħol li kellu jsir mill-ġdid għaliex l-appellat ma ħadimx kif suppost, billi dan ma jirriżultax mill-provi. Il-Qorti tqis ukoll li l-appellat ġibed l-attenzjoni tal-appellant diversi drabi għaliex ma kienx komdu jaħdem bil-limitazzjonijiet ta' żmien mogħtija lilu, imma l-appellant baqa' ma indirizzax dan it-tħassib bl-ebda mod, tant hu hekk li sa dakinhar li l-appellat iddeċieda li jittermina r-relazzjoni professjonali li kellhom bejniethom il-partijiet, l-appellant ippretenda li l-affarijiet jibqgħu mexjin *business as usual.* Il-Qorti tirrileva li din mhijiex it-tweġiba ta' xi ħadd li mhuwiex kuntent bis-servizz li qiegħed jirċievi, jew ta' xi ħadd li qiegħed jara proġett ta' ċerta portata javvanza bil-mod jew b'mod mhux professjonali. Il-Qorti tirrileva li dan kien proġett iffinanzjat parzjalment minn fondi Ewropej, u għalhekk il-grad ta' skrutinju rigward id-dewmien li jieħu proġett biex jitlesta, il-kwalità ta' xogħol li jsir u l-infiq, ikun wieħed rigoruż. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal ma daħalx fil-provi dwar ix-xogħol li ħa indebitament l-appellat mingħand l-appellant]*

29. L-appellant qal li t-Tribunal injora wkoll il-provi prodotti minnu dwar il-*mala fede* tal-appellat, u l-fatt li dan 'seraq' klijenti tal-appellant. L-appellant qal li meta r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet għadha tajba, l-appellat kien juża l-*email address* li kien ipprovdielu hu, iżda li meta l-appellat beda jagħmel ċerti talbiet, kien informa lill-appellant li ma riedx juża aktar l-*email address* li ngħatalu. L-appellant qal li l-appellat waqaf iwieġeb l-*emails* u l-korrispondenza li bdiet tintbagħatlu rigward il-proġetti li kien qiegħed jaħdem fuqhom, u dan beda juża l-indirizz tal-*email* personali tiegħu, u dawn huma provi li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra meta ġie biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kontro-talba tal-appellant.

30. Din il-Qorti tirrileva li meta beda d-diżgwid bejn il-partijiet, l-appellat għamilha ċara li huwa ma riedx li juża l-*email address* tal-Arkafort għaliex ma riedx jagħti l-impressjoni li huwa impjegat tal-appellant. L-appellat irrikonoxxa li huwa sub-appaltatur, li kien qiegħed jassumi r-responsabbilità kollha għax-xogħol imwettaq minnu, kif jirriżulta anki mill-korrispondenza li ntbagħtet bejn il-partijiet. Fil-korrispondenza li l-appellat bagħat lill-appellant, spjega wkoll li huwa ried iżomm id-dritt li jispjega lill-klijenti li huwa professjonist indipendenti. Mill-atti jirriżulta li kien biss wara li r-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet ġiet fi tmiemha, li l-appellat aċċetta l-inkarigu offrut lilu minn waħda mill-entitajiet li kien qiegħed isir xogħol għaliha permezz tal-inkarigu mogħti lilu mill-appellant. Kien l-appellant innifsu li qal li l-Perit Gatt, li għadda dan l-inkarigu lill-appellat, għamel dan mhux għaliex kien kuntent bix-xogħol tal-appellat, iżda għaliex ried iżomm mat-termini ta' żmien stipulati u għaliex kien diffiċli għalih li jingaġġa lil xi ħadd ieħor fuq dan il-proġett. Dan ifisser li ma kienx l-appellat li b'xi mod aġixxa in *mala fede* jew li avviċina lill-klijent biex 'jisraq' kif allega l-

appellant, xogħol jew klijenti tal-appellant, imma l-appellat ġie avviċinat għaliex min kien inkarigat mit-twettiq tal-proġett ried jassigura kontinwità fix-xogħol. Il-Qorti tqis li hija għal kollox fiergħa l-pretensjoni tal-appellant li kien l-appellat li b'xi mod kiser l-obbligi fiduċjarji li kien hemm bejn il-partijiet, jew li dan aġixxa *in mala fede* biex 'jisraq' klijenti li kienu tal-appellant. Lejn tmiem ir-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, l-appellat beda jintima li huwa ma riedx jagħti l-impressjoni li kien impjegat tal-appellant, u ried li jiġi kkunsidrat bħala professjonist indipendenti anki f'għajnejn il-klijenti. Dan ma jfissirx li huwa għamel dan bil-ħsieb li l-appellat 'jisraq' il-klijenti li kellu l-appellant, iżda jirriżulta li għamel dan minħabba d-diżgwid li kien hemm bejn il-partijiet dwar il-pagamenti dovuti lill-appellat u għaliex l-appellant kien qiegħed jiftiehem dwar termini li ma setgħux jiġu onorati. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**